Waħda minn dawk il-Knejjes li bnew il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann matul is-snin li dawn għamlu jaħkmu lil Malta hija l-Knisja ta' "Sarria" li tinsab ftit passi biss 'l bogħod mill-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Furjana.

Din il-Knisja għalkemm bosta jagħfuha bħala "Ta' Sarria" hija taħt il-Patroċinju tal-Immakulata Kunċizzjoni u qabel kienet iddedikata lill-Madonna b'Titlu ieħor. Tissejjaħ Ta' Sarria minħabba l-fatt li l-ewwel Knisja li kienet ġiet mibnija f'dan il-post kien ħa ħsieb jibniha l-Kavallier Martino De Sarria Navarro lejn is-sena 1585 fi żmien il-Gran Mastru Verdala.



Il-Kwadru tal-Kunċizzjoni tal-Madonna fuq l-artal maġġur tal-Knisja ta' Sarria.

Il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid fis-sena 1677 meta l-Gran Mastru tal-Ordni kien Nicolo' Cottoner. Ma' din il-Knisja De Serria kien ħa ħsieb jibni wkoll dar bi ġnien magħha.

Fuq l-Artal Maġġur ta' din il-Knisja De Sarria kien poġġa Kwadru tal-Madonna flimkien ma' San Ġwann L-Għammiedi u Santa Luċija, żewġ qaddisin li l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann kellhom devozzjoni kbira lejhom. Dan il-Kwadru li huwa xogħol fuq l-injam għandu fil-parti t'isfel tiegħu għadd ta' xwieni tal-istess Ordni u għalhekk jissejjaħ bħala l-Kwadru tal-Madonna Delle Galere (il-Madonna tax-Xwieni). Fl-istess kwadru l-artist Antonio Riccio minn Messina pinġa l-figuri tal-istess De Sarria u l-Gran Mastru Verdala. Meta sar l-kwadru l-ġdid, dak tal-Immakulata Kunċizzjoni, dan il-kwadru għamel xi żmien fis-sagristija tal-Knisja u aktar tard ġie meħud fil-Mużew Nazzjonali fejn għadu sal-lum

Fis-sena 1675 f'Malta kien hawn l-imxija tal-pesta, għaldaqstant il-Gran Mastru Nicolo' Cottoner flimkien mas-Sagru Kunsill għamel wegħda mal-Madonna bit-Titlu tal-Immakulata Kunċizzjoni biex din teħles lil Malta minn dan il-flaġell filwaqt li ordna li jsir Talb Speċjali lill-Madonna.

Nhar il-11 t'April 1675 saret wegħda solenni li għandha tinbena Knisja ddedikata lill-Immakulata meta tieqaf din il-marda. Ma dametx wisq biex għaddiet din il-burraxka u wara ftit taż-żmien bdiet tinbena l-Knisja li hemm illum fuq il-post fejn qabel kien hemm l-ewwel Knisja ta' De Sarria.

Il-Gran Mastru poġġa l-ewwel ġebla tal-bini tal-Knisja nhar it-8 ta' Diċembru tas-sena 1676. Il-pjanta tal-knisja saret mill-Kavallier Fra Mattia Preti filwaqt li x-xogħol sar taħt id-direzzjoni ta' Lorenzo Gafa. Minn dawn iż-żewġ ismijiet kbar nistgħu nikkonkludu kemm kienu taw importanza kbira lil dan il-bini tal-Knisja l-ġdida.

Kif wieħed jistenna, l-artist Mattia Preti li dak iż-żmien kien fl-aqwa tax-xogħol tiegħu f'Malta ġie mqabbad biex jiddekora din il-Knisja b'għadd ta' opri minn tiegħu. Wieħed isemmi l-kwadri ta' San Mikiel, ta' San Gwanna Battista, l-erba' Qaddisin Protetturi tal-marda tal-pesta, San Sebastjan, San Nikola ta' Bari, Santa Rożalija u Santu Rokku. Iżda bla dubju ta' xejn, l-iktar opra li tolqtok għas-sbuħija tagħha hija dik li hemm fuq l-Artal Maġġur ta' din il-Knisja.

Hawnhekk naraw lill-Immakulata fil-Glorja tagħHa fis-sema. MadwarHa żewġ Anġli wieħed qiegħed ikisser fuq irkubbtejh ix-xabla simbolu tal-flaġell tal-pesta filwaqt li l-anġlu l-ieħor qiegħed idaħħal ix-xabla fil-għant tagħha b'turija li issa din il-marda kiefra għaddiet. Bħalma naraw lill-Madonna fi Kwadri oħrajn ta' dan is-suġġett. Il-Madonna qegħda bil-wieqfa fuq qamar kbir filwaqt li b'riġlejHa qegħda tisħaq ras il-ħażen. Fil-parti t'isfel tal-kwadru naraw figuri li jirrappreżentaw lill-vittmi ta' din il-marda. Numru ta' anġli żgħar jidhru qegħdin jittajjru 'l fuq bil-ħarsa ħelwa lejn il-Madonna. Din ix-xena ta' Glorja u Qdusija liema bħalha tingħaqad bil-preżenza tal-Missier Etern fuq nett fit-tila, bix-xbieha tal-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' Ħamiema Bajda ftit 'l fuq minn ras il-Madonna.

Matul is-snin ta' wara l-Ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann il-Knisja ma tilfet xejn mill-importanza tagħha u fl-1924 din għaddiet f'idejn il-Ġiżwiti li baqgħu jagħtuha l-attenzjoni li tixraqilha. Meta intlaqtet il-Knisja ta' San Publiju bil-bombi tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, il-knisja serviet għal xi żmien bħala Knisja Parrokjali.

Matul dawn l-aħħar snin f'din il-Knisja sar xogħol ta' restawr kbir biex b'hekk din il-ġawhra ddedikata lill-Madonna bit-Titlu sabiħ tal-Immakulata Kunċizzjoni tiġi gawduta minn dawk li għad jiġu warajna.

*Mario Fenech*